IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2018
COM(2018) 310 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 3
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2018

Estensjoni tal-Faċilità tar-refuġjati fit-Turkija

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, kif adottat fit-30 ta' Novembru 2017[2],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018[3], adottat fit-22 ta' Frar 2018,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2018[4], adottat fit-13 ta' April 2018.

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-baġit ġenerali 2018.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima jinsabu fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1. ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
2. ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.
3 COM(2018) 155
4 COM(2018) 227

WERREJ

TOC

1. INTRODUZZJONI

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija ġiet emendata fl-14 ta' Marzu 2018[5] sabiex talloka ammont addizzjonali ta' EUR 3 biljun ("it-tieni parti") lill-Faċilità matul il-perjodu 2018–2019. Din l-emenda ssegwi l-implimentazzjoni b'suċċess tal-ewwel porzjon ta' finanzjament tal-Faċilità taħt il-baġits tal-2016 u l-2017, kif ikkonfermat fit-Tieni Rapport Annwali dwar il-Faċilità[6]. Id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 tikkonferma li l-UE se timmobilizza finanzjamenti addizzjonali għall-Faċilità sal-aħħar tal-2018, biex b'hekk il-baġit totali għal din il-Faċilità jkun ta' EUR 6 biljun.

Dan l-abbozz ta' baġit emendatorju jipproponi li jżid EUR 500 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn bħala t-tieni porzjon tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-UE fl-2018, b'żieda ta' EUR 50 miljun iffinanzjati minn pakkett baġitarju eżistenti dwar l-Għajnuna Umanitarja fl-2018.

Billi l-marġini mhux allokat disponibbli taħt l-intestatura 4 *Ewropa Globali* mhuwiex biżżejjed biex ikopri dan it-tisħiħ (EUR 256,2 miljun), huwa propost li jintuża l-Marġini Globali għall-Impenji skont l-Artikolu 14 tar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)[7], għall-finanzjament tal-bilanċ (EUR 243,8 miljun).

Il-bqija tal-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE taħt il-Faċilità se tiġi proposta fl-abbozz tal-baġit 2019.

2. APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA FIL-BAĠIT TAL-2018

Qed jiġi propost li jiżdiedu EUR 500 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni għal-linja baġitarja 22 02 03 02 - it-Turkija - *Appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni*. Dan il-finanzjament huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat segwitu konsistenti tal-interventi ffinanzjati taħt il-Faċilità b'suċċess taħt l-ewwel porzjon, b'mod partikolari sabiex tkun tista' tkompli tħallas is-salarji għal aktar minn 5 000 għalliem li sa issa pprovdew l-edukazzjoni lil aktar minn 300 000 tifel u tifla refuġjati fit-Turkija.

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet disponibbli fil-baġit ivvutat huma stmati li jkunu biżżejjed biex ikopru EUR 180 miljun ta' pagamenti bil-quddiem li huwa mistenni li jsir matul din is-sena. L-ebda żieda tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ma huwa għalhekk mitlub f'dan l-istadju. Madankollu, il-Kummissjoni tista' tippreżenta baġit emendatorju iktar tard fis-sena f'każ li l-implimentazzjoni tal-baġit turi l-ħtieġa għal tisħiħ.

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
22 02 03 02	Strument għall-assistenza ta' qabel l-Adeżjoni - it-Turkija - Appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	500 000 000	0

[5] C(2018) 1500 final, 14.3.2018.

[6] COM(2018) 91 final, 14.3.2018.

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

Total	**500 000 000**	**0**

3. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Baġit 2018 (inkl. ABE 1-2/2018)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3/2018		Baġit 2018 (inkl. ABE 1-3/2018)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	**77 533 697 652**	**66 624 486 101**			**77 533 697 652**	**66 624 486 101**
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*1 113 697 652*				*1 113 697 652*	
Limitu Massimu	*76 420 000 000*				*76 420 000 000*	
Marġni						
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	22 001 452 724	20 097 167 844			22 001 452 724	20 097 167 844
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	762 452 724				762 452 724	
Limitu Massimu	*21 239 000 000*				*21 239 000 000*	
Marġni						
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	55 532 244 928	46 527 318 257			55 532 244 928	46 527 318 257
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	351 244 928				*351 244 928*	
Limitu Massimu	*55 181 000 000*				*55 181 000 000*	
Marġni						
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	**59 285 323 122**	**56 083 793 633**			**59 285 323 122**	**56 083 793 633**
Limitu Massimu	*60 267 000 000*				*60 267 000 000*	
Marġni	*981 676 878*				*981 676 878*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 234 516 899	43 188 677 466			43 234 516 899	43 188 677 466
Sottolimitu	*44 163 000 000*				*44 163 000 000*	
Marġni tal-FAEG	*927 833 101*				*927 833 101*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**3 493 241 199**	**2 980 707 175**			**3 493 241 199**	**2 980 707 175**
Li minnu taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*837 241 199*				*837 241 199*	
Limitu Massimu	*2 656 000 000*				*2 656 000 000*	
Marġni						
4. Ewropa Globali	**9 568 842 411**	**8 906 075 154**	**500 000 000**		**10 068 842 411**	**8 906 075 154**
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji					*243 842 411*	
Limitu Massimu	*9 825 000 000*				*9 825 000 000*	
Marġni	*256 157 589*					
5. Amministrazzjoni	**9 665 513 627**	**9 666 318 627**			**9 665 513 627**	**9 666 318 627**
Limitu Massimu	*10 346 000 000*				*10 346 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 318 000 000*				*- 318 000 000*	
Marġni	*362 486 373*				*362 486 373*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 579 920 627	7 580 725 627			7 579 920 627	7 580 725 627
Sottolimitu	*8 360 000 000*				*8 360 000 000*	
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	*- 318 000 000*				*- 318 000 000*	
Marġni	*462 079 373*				*462 079 373*	
Total	**159 546 618 011**	**144 261 380 690**	**500 000 000**		**160 046 618 011**	**144 261 380 690**
Li minnu taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***837 241 199***	***678 340 197***			***837 241 199***	***678 340 197***
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	***1 113 697 652***				***1 357 540 063***	
Limitu Massimu	***159 514 000 000***	***154 565 000 000***			***159 514 000 000***	***154 565 000 000***
Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' Kontinġenza	***- 318 000 000***				***- 318 000 000***	
Marġni	***1 600 320 840***	***10 981 959 507***			***1 344 163 251***	***10 981 959 507***
Strumenti speċjali oħra	**664 548 105**	**517 246 105**			**664 548 105**	**517 246 105**
Total Finali	**160 211 166 116**	**144 778 626 795**	**500 000 000**		**160 711 166 116**	**144 778 626 795**